# TFAJJEL SAJJIED

*Ta'* Vincent Caruana

Rajtek taqbad it-tmun b'idejn ta' saħħa.
U waħdek tmexxi l-qlugħ bil-ħsieb u r-rieda.
Kull mewġa b'għaqal kbir toħodha magħha;
Stħajjiltkom dħaltu int u l-mewġ fi ġlieda.

Rajt mewġa tqum bil-qawwa kollha tagħha,
Imm' inti taf is-sengħa tas-sajjieda,
W għalhekk għaraft il-mewġa kif tirbaħha,
Li setgħet sa ftit qabel tkun qerrieda.

Nixtieq li bħalek fija wkoll tinbena
Il-qawwa li wasslitek f'xatt il-bajja
Rebbieħ bil-qlugħ, bla tibża' li tinfena.

U bħalek ngħid: Ħa jiġi l-mewġ bil-qtajja'.
Jien issa rrid nitgħallem dik is-sengħa,
Li nidra nirbaħ biha l-Mewġ tal-Ħajja.

---

(5) A.A. Gauci, fil-kitba tiegħu, ma jsemmiha xejn din is-Serenata Billi raha li ġġib is-sena 1756, ħaseb li, billi l-Istamperija ta' l-Ordni bdiet taħdem fi Gżiritna fl-1756, stampawha f'Malta